MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Numru. 26/2006

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

Amanda Falzon

Il-Qorti,

Rat li l-imputata, Amanda Falzon ta’ 23 sena, bint Raymond u Helen nee Sammut imwielda Pieta fit-13 ta’ April 1981 u residenti 74 “Michael” Bwieraq Street, B’Kara, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 198481(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli f’dawn

il-Gzejjer fit-2 ta' Gunju 2003 u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnha anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda; bhala detentrici tal-fond 74 Michael Triq Bwieraq B'Kara jew bhala persuna li kellha f'idejha l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommettiet serq ta' kurrent elettriku minn *meter* tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix LM 1000 u dan kollu bi ksur tal-Artikoli 261, 263 (a), 254 (1), 267, u 270 rispettivament tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamlet hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkagunat telf ta' kurrent ta' l-elettriku, u fl-ahhar talli ghamlet hsara jew gharrqet xi apparat jew parti mill-*meter* ta' l-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista ta' l-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur tal-artikolu 326 (1) c & f tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija, il-Qorti kienet mitluba tikkundanna lill-imputata Amanda Falzon sabiex thallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghat il-provi;

Rat in-nota ta' rinunzja pprezentata mill-Korporazzjoni EneMalta (Dok. AC1).

Peress li l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax pruvata, tillibera lill-imputata mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------